**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 17 ta' Ottubru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Dennis Theuma**

**Vs**

**Emanuel Mifsud.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emanuel Mifsud ta' 31 sena imwieled Pieta' fis-17 ta' Gunju 1970, bin Angelo u Pauline xebba Micallef u joqghod No. 7, Is-Santi L/O Imgarr, Malta u bin-numru tal-Identita' 262770M;

Talli fil-11 ta' Gunju 2001, irrenda ruhu komplici b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat cioe':

1. Talli iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur tal-artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli xjentement issoprema jew b’xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew indizji ta’ reat u dan bi ksur tal-artikolu 111 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Talli f’dawn il-gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih inniffsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli fil-11 ta’ Gunju 2001 ghall-habta tan-nofs siegha ta’ filghodu waqt li kien qed isuq vettura LTY 188 Mercedes Taxi fi Triq il-Kosta Bahar ic-Caghaq b’nuqqas ta’ hsieb, traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolament habat ma’ vettura CBH703 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta’ Bernard Cutajar u Roger Attard, aktar talli saq l-istess vettura b’manjiera perikoluza, traskurat u negligenti, aktar talli saq l-istess vettura meta ma kellux licenzja tas-sewqan (ta’ Taxi) b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta ghal terzi persuni, aktar talli naqas li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija rigward trasferiment ta’ vettura LTY188 fi zmien kif stipulat mil-ligi.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi meta kien involut f’incident tat-traffiku, bhala sewwieq tal-vettura LTY188 naqas li jieqaf biex jaghti ismu u l-indirizz, l-isem u l-indirizz ta’ sid il-vettura u l-marka jew in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura bil-mutur.

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi bhala driver ta’vettur LTY188 li ghamel reat that din l-ordinanza Kap 104 jew that regolamenti maghmulin bis-sahha taghha irrifjuta li jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, jew jaghti isem jew indirizz falz, ikun hati ta’ reat that din l-ordinanza, u li naqas li jaghti kull informazzjoni li kien seta’ jaghti u li setghet tiswa biex jingharaf min hu d-driver u biex jinqabad u jekk jonqos li jghati din l-informazzjoni jkun hati ta’ reat that din l-ordinanza.

Wara li rat l-Artikoli 110 (2), 111 (2), u 188, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li rat l-istqarrijiet tal-imsemmi imputat fejn irregistra ammissjoni, fejn il-Qorti fil-fatt sabitu hati, u mhux ammessa fejn il-Qorti ma' sabitx htija;

U wara li semghet lill-partijiet jitrattaw ghall-finijiet ta' piena;

U wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Din il-Qorti, qeghda ssib lill-imsemmi imputat Emanuel Mifsud, hati ta' l-ewwel, it-tieni, u t-tielet akkuza, kif ukoll hati talli saq taxi bla licenzja u talli m'ghamilx it-transfer, u fir-rigward tal-piena, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar akkuza numru erbgha (4), din il-Qorti, wara li semghet lill-imputat viva voce f'kawza analoga u wara li din il-Qorti preseduta minnha, diga' attribwit il-htija ta dan l-incident stradali lil persuna mhux parti ta' din il-kawza, mhux qed issib lill-imputat Emanuel Mifsud hati ta' din l-akkuza u qeghda tilliberah minnha.

Din il-Qorti, qeghda wkoll tilliberah mill-akkuza li ma' kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni, wara li l-Qorti personalment ghamlet l-indagini mad-ditta assikuratrici li hu kien kopert b'polza valida.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.